**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**ID-DISA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 16**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 8 ta' Mejju 2025, fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi, Ħal Qormi fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento – Sindku
Xandru Mallia – Viċi Sindku
Ralph Puli - Kunsillier
Daniel Ablett - Kunsillier
Jurgen Abela - Kunsillier
Fiona Borg Lewis - Kunsillier
Nicholai Falzon - Kunsillier
Marvin Zammit - Kunsillier
Alessio Decarlo - Kunsillier
Doris Zammit - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOGIJA**

Elke Cassar Sghendo - Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marilyn Baldacchino Gatt – Deputat Segretarju Eżekuttiv

16.1 **TALBA**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** fetaħ il-laqgħa billi qal it-talba.

16.2 **Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo ma setgħetx tattendi għas-seduta minħabba raġuni ta' safar.

16.3 **Klabb tax-Xjenza**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** issospenda għal ftit minuti il-laqgħa u stieden lis-Sur Duncan Ciappara, għalliem tax-xjenza fl-iskola medja tal-Ħandaq sabiex flimkien mal-istudenti jispjegaw il-proġett li wettqu dwar il-kwalità tal-arja.

16.3.1 **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat illi innominat lill-Klabb tax-Xjenza għall-Proġett fit-Turkija.

16.3.2 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma lill-membri tal-Klabb tax-Xjenza li se jkun qed jinnominahom għal-Premju Għarfien il-Ħila.

16.4 **Approvazzjoni tal-Minuti Nru 15**

16.4.1 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti 14 li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika u meħuda bħala moqrija, għall-approvazzjoni.

16.4.2 **Emendi fil-Minuti**

**Il-Kunsillier Nicholai Falzon** talab korrezzjoni għal-Minuta 15.10.7 u għandha tinqara li il-laqgħa hija għaż-żgħażagħ inġenerali u jiżdied il-kliem li "il-Kunsill Lokali Ħal Qormi se joħroġ l-ammont ta' €316 bħala parti mill-ispejjeż biex tittella' l-attività ".

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** talbet korrezzjoni għal-Minuta 15.10.12 u jinkiteb "tiċkien il-bankina eżistenti biex il-parkeġġ jiġi dijagonali".

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** talbet korrezzjoni għal-Minuta 15.10.18 u jinkiteb "pop up garden" minflok "pop up park".

**16.5 Skeda ta' Ħlasijiet**

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' April 2025.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ippropona l-approvazzjoni tal-iskeda ta' ħlasijiet.

**Il-Viċi Sindku Xandru Mallia** issekonda l-iskeda ta' ħlasijiet.

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' ħlasijiet għax-xahar ta' April 2025 u l-iskeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' April 2025.

**16.6 MOZZJONI NRU 13 (IX)**

**Applikazzjoni għal Skemi Attività Kulturali Annwali 2025-2026 - SPI.SCI.02.2025**

**Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Fiona Borg Lewis**

Id-Dipartiment tal Gvern Lokali ħareg sejħa għal Skema fejn qed jalloka fondi biex issir attività kulturali.

L-għan ewlieni ta' dan il-fond huwa li l-lokalitajiet ikomplu jinvestu u jiżguraw is-sostenibbiltà kulturali u l-kontribuzzjonijiet li toffri għall-benessere tar-residenti tagħhom.

L-objettivi ta' din liskema huma :
- Aktar impatti soċjo-ekonomiċi pożittivi, koeżjoni, inklużjoni, solidarjetà, diversità, saħħa u benessere;
- Aktar kollaborazzjoni u żvilupp ta' *networks* kulturali ġodda kemm lokali kif ukoll internazzjonali inkluż l-isfruttar ta' ġemellaġġi eżistenti u oħrajn ġodda;
- Aktar promozzjoni tal-kultura, l-wirt uniku tal-lokalitajiet u t-tradizzjonijiet Maltin, inkluż kultura tradizzjonali u prattiċi iktar kontemporanji;
- Aktar innovazzjoni, kreattività, kwalità u sostenibbiltà kulturali

Din l-iskema ħa tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża għall-attività sa massimu ta' €20,000 (inkluża l-VAT) kull Kunsill Lokali. Il-Kunsill Lokali huwa obbligat li mas-somma mogħtija lilu jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15%;

Fuq din il bażi qed nipproponi li norganizzaw attività fejn inżommu t tradizzjoni tal-ħobż u għalhekk insemmuha: FESTA ĦOBZ. Din għandha ssir fi żmien ta' Jum Ħal Qormi, biex niċċelebraw l-identità tagħna l-Qriema.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ssekonda il-Mozzjoni.

Ivvutaw favur l-għaxar (10) kunsilliera preżenti.

Ma kien hemm ħadd kontra (0) u ma kien hemm l-ebda (0) astensjoni.

Mozzjoni NRU 13 (IX) ġiet approvata.

**16.7 Annual Budget 2025**

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tal-Annual Budget 2025. Kopja elettronika tal-Annual Budget 2025 intbagħtet lil Kunsilliera kollha, permezz ta' ittra elettronika.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li nhar il-Ħamis 17 ta' April 2025, saret laqgħa online mal-accountants u fl-istess laqgħa kienu preżenti online il-Kunsilliera mill-Kumitat Finanzi. L-accountant ħadet nota ta' xi affarijiet u bagħtet id-dokument aġġustat.

Il-membri qablu li l-Annual Budget għas-sena 2025 jiġi approvat.

**16.8 Unaudited Financial Statements 2024**

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** resqet għal-approvazzjoni tal-Kunsill l-Unaudited Financial Statements għas-Sena 2024. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li nhar il-Ħamis 17 ta' April saret laqgħa online mal-accountants u fiha daħlu il-Kunsilliera mill-Kumitat Finanzi. L-accountant ħadet nota ta' xi affarijiet u bagħtet id-dokument aġġustat.

Il-membri qablu li l-Unaudited Financial Statements 2024 jiġi approvat.

**16.9 Komunikazzjoni tas-Sindku**

**16.9.1 Impjieg ta' Skrivan fi Skala 15**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li nhar it-Tlieta 15 ta' April, saru l-intervisti lil persuni li applikaw internament għal-post ta' Skrivan fi Skala 15.

Kien hemm żewġ applikazzjonijiet, is-Sinjorina Shakira Bugeja minkejja li ikkonfermat li se tattendi għall-interview baqet ma attendietx. Attenda biss is-Sur Simon Mifsud.

Il-Board magħmul mis-Sindku Dr Josef Masini Vento, il-kunsillier Alessio De Carlo u il-kunsillier Fiona Borg Lewis ippropona li minħabba il-kapaċitajiet u l-esperjenza tiegħu fl-andament tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi jagħżel lis-Sur Simon Mifsud biex jimla il-post ta'

Uffiċċjal fi Skala 15. L-impjieg tas-Sur Simon Mifsud se jidħol fis-seħħ minn nhar it-Tnejn 12 ta' Mejju 2025.

Il-Kunsillier Ralph Puli talab sabiex il-Kunsill jitlob biex jingħata bil-miktub risposta għaliex il-Kunsill Lokali Ħal Qormi mhux qed jingħata ħaddiema mill-Community Workers Scheme.

16.9.2 **Talba għall-One Ways fi Triq l-Iskultur u Triq il-Kaċċatur**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li qed jidħlu bosta ilmenti rigward il-ġeġwiġija li qed ikun hemm ta' kuljum fit-toroq ta' Triq l-Iskultur u Triq il-Kaċċatur.

Is-Sindku nforma li il-proposta għal dik l-akwata hija li Triq l-Iskultur issir One Way il-fuq minn Triq il-Belt Valletta lejn Triq il-Mastrudaxxa u Triq il-Kaċċatur issir One Way l-ifel min Triq il-Mastrudaxxa lejn Triq il-Belt Valletta.

Il-membri qablu ma din il-proposta li għandha tintbagħat lill Transport Malta għal-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tagħhom.

16.9.3 **Talba sabiex jitpoġġa Tower Crane fi Triq Daniel Spiteri Sacco (Ħandaq)**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill Lokali Ħal Qormi irċieva applikazzjoni għal-permess sabiex jitpoġġa tower krejn fi Triq Daniel Spiteri Sacco, Tal-Handaq. Dan it-tower crane se jkun wiesgħa 5.1 metri u se jibqa' 4.8 metri wiesgħa tat-triq. It-Talba hija li dan il-krejn jitħalla għal 6 xhur u skond ir-regolamenti l-iżviluppatur irid iħallas lill-Kunsill Lokali Ħal Qormi is-somma ta' €15 kuljum.

Il-membri qablu li dan it-tower krejn jitpoġġa fi Triq Daniel Spiteri Sacco bil-kundizzjoni li ma jagħlaqx aċċess ta' terzi u li ikollu id-dawl imdawwar miegħu matul il-lejl.

16.9.4 **Scaffolding fi Pjazza San Frangisk**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li b'referenza għal permess tal-iscaffolding li il-membri iddiskutew sabiex jibqa' armat fi Pjazza San Franġisk matul iż-żmien tal-Għid, il-Kunsill Lokali Ħal Qormi irċieva ilment mingħand ir-residenti tad-dar biswit dan l-iscaffolding.

Qed jiġu preżentati ritratti fejn juru li dan li scaffolding qed jagħlaq l-aċċess ta' terzi milli jiftħu twieqi, inkluż dawk ta' kmamar sanitarji (kamra tal-banju).
Il-permess ta li scaffolding beda mit-3 ta' Marzu 2025 u baqa jiġġedded, issa sa l-1 jum ta' Ġunju 2025. Mill-informazzjoni li ġabar il-Kunsill jidher li ix-xogħlijiet fuq il-faċċata

ta' din id-dar qed isiru mis-sid stess bħala hobby u dan qed jagħmlu bil-mod meta ikun jista.

Ir-residenti biswit din id-dar qed jitolbu lill-Kunsill sabiex dan l-iscaffolding ma jibqax armat wara id-data tal 1 ta' Ġunju 2025, anke minħabba il-fatt li huma stess jixtiequ li iduru il-faċċata qabel il-festa (permezz ta' cherry picker) u minħabba l-iscaffolding ma jistgħux.

Il-membri qablux li dan l-iscaffolding ma jiġġeddidx il-permess.

### 16.9.5 Isem ta' Triq George Portelli

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** jirreferi għad-deċiżjoni li ittieħdet fis-Seduta Nru 15, fejn ġie pospost il-ħsieb li jinbidel l-isem ta' parti minn Triq San Benedittu, minħabba niċċa li hemm ta' l-istess qaddis f'dik il-parti ta' Triq San Benedittu.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qed jipproponi illum li jinbidel l-isem ta' parti minn Triq San Benedittu, dik bejn Triq San Bastjan u il-kantuniera ta' qabel it-taraġ li jagħti għal-Triq Anici u tiġi msejjħa Triq George Portelli l-ewwel Sindku ta' Ħal Qormi .

B'hekk Triq San Benedittu issir kif ġej:

bejn Triq San Bastjan u il-kantuniera ta' qabel it-taraġ li jagħti għal Triq Anici tkun imsejjħa Triq George Portelli,
bejn it-taraġ ta' Triq Anici u Triq San Bartolomew tkun msejjħa Triq Tereza Spinelli (kif diġà ġiet approvata f'seduta preċedenti)
bejn Triq San Bartolomew u Triq San Guzepp tibqa tissejjaħ Triq San Benedittu (ma hemm ebda tibdil).

Il-membri ma qablux li din il-parti ta' Triq San Benedittu tibda tissejjaħ Triq George Portelli.

### 16.9.6 Bins ġodda madwar Ħal Qormi

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li matul ix-xahar ta' April tpoġġew 18 il-kontenitur tal-iskart ġdid madwar Ħal Qormi.

Dawn il-kontenituri saru skond ir-rekwiżiti tal-Kunsill, u cioe li saru dritti minn ġewwa biex ma jitqattgħux il-boroż, saru b'ċirku fuq u speċi ta' ħabel li jorbot il-boroż mal-kontenitur, għandhom il-konkos fil-qiegħ biex ikunu sodi, ma għandhomx reċipjent ieħor ġewwa li ikun jista' jinsteraq u saru kbar sabiex jesgħu aktar skart.

Jonqos biss li isir fuqhom tabella żgħira li tindika li huma kontenituri tal-iskart propjetà tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi.

Il-lista tal-kontenituri li tpoġġew f'April hija:

| | | |
|---|---|---|
| Triq il-Knisja Arcipretali | Knisja San Bastjan Area | 6 |
| Triq il-Kbira | Genesis | 1 |
| Triq il-Kbira | quddiem Kazin tal-Banda San Ġorg | 1 |
| Triq San Bastjan | Quddiem Kazin tal-Banda San Bastjan | 1 |
| Triq Amleto Spiteri | fejn Gwido Cash & Carry | 1 |
| Triq il-Vitorja | fejn Health Centre | 1 |
| Triq il-Vitorja | fejn Mangion Stationery | 1 |
| Triq il-Vitorja | fejn il-Kapella tal-Vitorja | 1 |
| Triq il-Kbira | fejn li stage fejn Café Riche | 1 |
| Pjazza Narbona | fejn tal-ħaxix | 1 |
| Pjazza Narbona | fejn il-ħajt tal-iskola | 2 |
| Pjazza Narbona | quddiem Martina's Pizzeria | 1 |
| | **Total ta'** | **18** |

Il-Viċi Sindku Xandru Mallia faħħar din l-inizjattiva u qal li qed jintlaqgħu tajjeb mir-residenti u talab sabiex il-Kunsill japprova li jiġu ordnati aktar bins.

Il-membri kollha preżenti qablu ma' din it-talba.

16.9.7 **Transport Ħarġiet – Nanniet Malta**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li irċieva talba sabiex il-Kunsill Lokali Ħal Qormi jħallas għall-ispejjeż tal-ħarġiet li jagħmlu l-għaqda Nanniet Malta. Għal dawn il-ħarġiet jattendu madwar 30 persuna minn Ħal Qormi u kull ħarga ikun hemm spiża ta' €180 biex titħallas ix-xarabank.

Il-membri ma qablux li il-kunsill iħallas għall-ispejjeż tat-trasport tal-għaqda Nanniet Malta.

16.9.8 **Teatru De La Cruz – Risk Assesment**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-ġimgħa l-oħra tqabbdet kumpanija privata sabiex tagħmel risk assessment fuq it-teatru De La Cruz, il-parti fejn kien jintrema il-presepju.

Is-Sindku ppreżenta kopja tar-rapport maħruġ fejn kif jindika, l-affarijiet li hemm ma jlaħħqux mal-istandard tas-saħħa u sigurtà li suppost hu mistenni li ikun hemm f'postijiet pubbliċi.

Għaldaqstant is-Sindku informa li wara li l-aħwa Borg jieħdu dak li hu tagħhom biss u jħallu dak li hu tal-Kunsill, din il-kamra titbattal u tibda tintuża mill-ħaddiema tal-Kunsill jew tintuża għal skopijiet oħra, iżda mhux li jidħol il-pubbliku fiha.

Il-membri qablu ma din id-deċiżjoni.

**16.9.9 Permessi tal-Gabbani u Bars fil-Festi ta' San Ġorg u San Bastjan**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li operaturi ta' bars u gabbani bdew jistaqsu biex jibdew japplikaw għal-permessi rispettivi.

Is-Sindku nforma li id-Deputat Segretarju Eżekuttiv tagħat ordni lill-iskrivani li għal issa ma jiġux approvati tali permessi. Dan minħabba il-fatt li:

Minħabba problemi fi snin preċedenti, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qed tissuġġerixxi li:

i. trid isir laqgħa, bl-operaturi tal-kjosk preżenti, sabiex issir polza biex jittellgħu il-postijiet fejn jarmaw il-gabbani fil-festa. Dan sabiex ma jibqgħux jarmaw fl-istess post minn sena għal oħra.

ii. tintbagħat ittra jew jiġu ikkuntattjati b'mod ieħor (whats app jew email) lil min applika is-sena l-oħra sabiex ninfurmawhom li min se japplika għal permess tal-gabbani se jkun jista' jattendi għat tlugħ tal-polza.

iii. Isir avviż fuq il-paġna ta' Facebook sabiex jekk hemm min hu interessat jista' japplika u jattendi għal-polza.

iv. Jiġu identifikati min qabel il-postijiet fejn se jarmaw il-kjosk.

v. Jiġi identifikat jekk jinħarġux permessi ta' bar fil-Pjazza tal-Vitorja u cioe quddiem it-take away bl-isem Corner Crave.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie deċiż li

- Ma japplikawx għall-gabbana u iġibu kontejners minflok gabbana.
- Jitħalla depożitu ta' €100 minħabba il-ħmieġ li jitħalla
- Jittieħed parir mingħand il-Kumitat Festi Esterni San Ġorg dwar ir-rilokazzjoni.

- Bins għandhom jitbattlu regolarment
- Jinżamm pendenti il-permess tal-Corner Crave għal-deċiżjoni fis-Seduta li imiss

**16.9.10 Applikazzjoni għal Guest House fi Triq il-Kbira - PA/00472/25**

***Description Of Works:***
***Proposed change of use of property from Class 1 to Class 3A boutique tourism accommodation/ premium guesthouse, as approved in Outline Development Permit PA/06604/22; including the proposed demolition of derelict structures and construction of an extension to existing property. Proposed restoration of facade. Development Location: 390,391,392,393, Triq il-Kbira with secondary frontage on, Sqaq il-Misrah Nru. 2, Qormi***

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li din il-ġimgħa il-Kunsill Lokali Ħal Qormi daħħal oġġezzjoni formali mill-awtorità tal-Ippjanar, liema komunikat kien ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika u meħuda bħala moqrija.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li ilbieraħ il-Perit tal-proġett f'isem l-iżviluppatur kitbet sabiex tiltaqa mal-Kunsill sabiex jagħti spjega dettaljata tal-proġett. L-iżviluppatur se jkunu jistgħu jiltaqgħu mal-membri nhar it-Tnejn 12 ta' Mejju jew it-Tlieta 13 ta' Mejju (filgħodu biss).

Il-membri qablu li jiltaqgħu mal-iżviluppatur u il-perit tiegħu nhar it-Tnejn 12 ta' Mejju fl-10 ta' filgħodu u nitolbu il-Perit tal-Kunsill sabiex ikun preżenti ukoll.

**16.9.11 Ħandaq Summer Nights**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill Lokali illum irċieva korrispondenza fejn tgħid li nhar l-20 ta' Ġunju fl-iskola Medja tal-Ħandaq se tiġi organizzata attività kbira għall-istudenti u l-ġenituri. Dakinhar l-istudenti se jingħataw iċ-ċertifikati tal-parteċipazzjoni tagħhom f'attivitajiet li jsiru fil-brejk.

Għaldaqstant qedin jistaqsu jekk hux possibbli li il-Kunsill Lokali iħallas wieħed mill-gruppi tal-Entertainment: Flammable Piper li se jiswa €400.

Id-deputat Segretarju Ezekuttiv fakkret li fl-iskola tal-Ħandaq ma jattendux tfal minn Ħal Qormi biss, u jekk il-Kunsill se jibda iħallas dawn it-tip ta' spejjez, se niġu mitluba minn skejjel oħra, kull forma ta' għajnuna.

Il-membri qablu li il-kunsill iħallas għal-dawn l-ispejjeż bil-kundizzjoni li il-Kunsilli l-oħra li għandhom tfal mill-lokalità tagħhom jattendu din l-iskola, se joħorġu l-istess ammont bħala sehem mill-ispiża.

**16.9.12 Ftehim ta' Koperazzjoni – Qormi Regional Library u Qormi Branch Library (San Ġorg)**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill irċieva kopja tal-Ftehim għaż-żewġ libreriji sabiex jiġu mġedda. Kopja tagħhom qed jiġu preżentati hawn għal-attenzjoni tal-membri.

Is-Sindku nforma li id-Deputat Segretarju Eżekuttiv diġà infurmat lis-Sur Debattista li il-Kunsill ma jistax jiffirma ftehim fuq librerija ineżistenti. Is-Sur Debattista informa li f'dak il-każ il-Kunsill jista' imur għal ftehim fuq il-Librerija Reġjonali biss.

**16.9.13 Bulletproof – Sport Complex**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li kellna laqgħa mas-Sur Scott Schembri minn Bulletproof fejn infurmana li Bulletproof sabu kumpanija tal-Betting lesta li tħallas bħala sponsor l-apparat tal-isport complex.

Bulletproof issa kitbu formalment fejn qed jitolbu korrispondenza uffiċjali li dawn l-affarijiet imsemmija hawn taħt se jsiru kif ġej:

i. Bulletproof tkun tista' twaħħal reklami maċ-ċnut tal-isport complex u tieħu il-qliegħ minnhom sabiex jintużaw għal manutenzjoni tal-istess post.
ii. Issir ix-xibka tal-art, konkos, wiring u id-dawl, cctv u fencing kif hemm fl-iskema li applikajna għaliha u ġiet aċċettata.
iii. Site Security u Risk Assessment
iv. Site Access Control and Hoarding
v. Works Insurance (Health & Safety)
vi. Żbir tas-siġar u il-fjuri u il-manutenzjoni tagħhom
vii. Potenzjalment isir toilet pubbliku f'dik l-akwata.

Saret diskussjoni bejn il-membri u sar qbil li il-Kunsill jaċċetta li jidħol għal dawn l-affarijiet, anke minħabba il-fatt li ħafna minnhom diġà huma approvati minn skema li il-kunsill applika għaliha, ħlief għat-talba li isir toilet pubbliku li dan il-kunsill ma jistax jiggarantixxi.

**16.9.14 Community Police – Surġent Maurizio Falzon**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li dalgħodu id-Deputat Segretarju Eżekuttiv kellha talba għal-laqgħa, biex flimkien mal-Kunsillier responsabbli mill-infurzar niltaqgħu mas-Surġent Maurizio Falzon li temporanjament qiegħed ilaħħaq ix-xogħol ta' Surġent mal-Pulizija tal-komunità fil-lokalità tagħna.

Is-Surġent Falzon għadda in-numru tal-kuntatt tal-pulizija tal-komunità, li nistgħu nagħtu lir-residenti ta' Ħal Qormi . Importanti li ngħaddu dawn in-numri u mhux in-numri tal-pulizija li hemm fic-chat, għax dawk huma numru privati tagħhom.

***Numru tal-Mobile tal-Pulizija tal-Komunità f'Ħal Qormi***

**Pc 2052/Pc1237- 79666797 (Area San Bastjan)**

**Pc 1420/ Pc 2438- 79665498 (Area San Ġorg)**

Waħda mill-ewwel problemi li is-Surġent innota u se jindirizza hija il-problema tal-vetturi mitluqin li qed iġibu abbużi oħra relatati ġewwa Ħal Qormi . Fil-liġi S.L 65.13 wieħed isib li dan it-tip ta infurzar jista' jsir mill-kunsill lokali, pulizija, Lesa jew TM. Għaldaqstant is-Surġent se jiddiskuti mal-Kunsill kif din jista' issir.

**16.9.15 Ringrazzjament – Arċipriet San Ġorg**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li l-Arċipriet ta' San Ġorg bagħat ir-ringrazzjament tiegħu lill-Kunsill u lill-impjegati tal-Kunsill għal għajnuna kollha waqt il-Festi tal-Ġimgħa il-Kbira u l-Għid il-Kbir.

**16.9.16 Riżenja tal-impjegata is-Sinjorina Ritienne Sammut**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li ftit siegħat qabel din is-Seduta id-Deputat Segretarju Eżekuttiv irċeviet ir-riżenja tas-Sinjorina Ritienne Sammut, wara tletin sena servizz fil-Kunsill.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie deċiż li il-Kunsill jitlob lid-Dipartiment l-approvazzjoni għal-tliet impjegati fi Skala 15.

**16.10 Riżoluzzjoni Nru 07 (IX)**

**Ħlas ta' kontijiet tad-dawl u ilma**

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** qegħda nressaq riżoluzzjoni dwar deċiżjoni li ttieħdet min dan l-istess Kunsill f'din il-leġislatura.

Għalkemm jien stess kont f'din id deċiżjoni inħoss li l-Kunsill Lokali għadu jkun iċ-ċentru, il-one stop shop għar-residenti u għalhekk fid-dawl ta' dan, qed nitlob riżoluzzjoni dwar kontijiet sabiex il-Kunsill Lokali jkun jista' joffri dan is-servizz ukoll.

Nifhem li jista' jkun hemm argument dwar ir-riżorsi umani iżda il-Kunsill għandu jkollu l-istaff meħtieġ u m'għandix tkun l-iskuża u jonqos li resident billi ma joffrix alternattivi.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** semma li il-Kunsill ma jistax jaċċetta li jagħmel tali servizz mingħajr ma jingħata flus biex jitħallas impjegat ġdid jew saħansitra jipprovdu impjegat l-ARMS biex jiġi joffri is-servizz mill-binja tal-Kunsill stess.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** semma li il-Qriema diġà jinsabu moqdija bis-servizz tal-ħlas fl-uffiċċju tal-Posta. Semma ukoll il-problema ta' nuqqas ta' staff u aktar xogħol se jitfa aktar piż fuq l-impjegati tal-Kunsill.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li hu jaqbel biss jekk tissolva il-kwistjoni tan-nuqqas ta' staff u jekk l-uffiċċju tal-customer care ikun attrezzat għas-sigurtà tal-ħaddiema minħabba l-ammonti ta' flus li jinġabru.

Il-Kunsillier Marvin Zammit issuġġerixxa li il-Kunsillier Elke CassarSghendo tikkunsidra li tibdel jew taġġusta din il-mozzjoni u terġa itellaha.

**Riżoluzzjoni Nru 08 (IX)**

**16.11**

**SPI/SCI/08/2025 – Tagħna Tfal Skema Ulied il-Kunsilliera**

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** qegħda tagħmel referenza għall-Espressjoni ta' Interess **SPI/SCI/08/2025 –** Tagħna Tfal Skema Ulied il-Kunsilliera.

F'din il-laqgħa ta' 8 ta Mejju qed ressaq riżoluzzjoni dwar deċiżjoni li ttieħdet minn dan l-istess Kunsill f'din il-leġislatura. Dan għax nemmen li dak li forsi illum, preżentement m'aħniex bżonn f'immedjatament jaf niġu bżonn fix-xhur li ġejjin.

Il-Kunsill għandu jaħseb fit-tul u ġa la darba hemm din l-iskema, ikun għajb li Kunsill ma jivvotax favur skema li tissaportja il-familja u l-politika.

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi għandu joħroġ espressjoni ta' interess għal dawk l-individwi li għandhom ċertifikat ta' child care /minding u jixtiequ joffru is-servizz tagħhom fil-ħinijiet waqt il-laqgħat uffiċjali wara 5:00pm sa 10pm. Ma dan għandna nattrezzew b'ġugarelli, kotba u TV addattati għal l-età ta' 6 xhur sa sena u dak taħt is-sitt snin.

Id-data tal-għeluq qed tiġi estiża sa nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Ġunju 2025. L-applikazzjonijiet u d-dokumenti relevanti se tkun qed timtela minni u se ngħaddi l-informazzjoni lil Kunsill Lokali sabiex ikun jista' joħroġ is-sejħiet neċessarji.

**Il-Kunsiller Fiona Borg Lewis** ipproponiet l-approvazzjoni ta' Riżoluzzjoni Nru 08 (IX)

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ssekonda.

Ivvotaw favur l-10 kunsilliera preżenti.

Ma kien hemm ħadd kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

Riżoluzzjoni Nru 08 (IX) ġiet approvata.

**Ħwejjeġ Oħra**

**16.12 Minn Pjazza għal-Pjazza**

**16.12.1** Id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Arti qed iniedi inizjattiva bl-isem "Minn Pjazza għal Pjazza". L-għan ewlieni huwa li jgħinu biex il-kunsilli ikunu jistgħu jorganizzaw attivitajiet ta' kwalità fil-pjazez u spazji miftuħa fil-lokalitajiet tagħhom. Għal din l-inizjattiva id-Diviżjoni qed talloka l-ammont ta' €25,000.

**Il-Kunsillier Doris Zammit** ipproponiet li l-attivitajiet isiru f'Novembru viċin il-festa ta' San Martin.

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat lis-Sinjura Doris Zammit li id-data u il-lokazzjoni fejn ser tittella' għandha tiġi diskussa bejniethom qabel tintbagħat l-applikazzjoni.

**16.12.2** **Il-Kunsillier Doris Zammit** infurmat lill-membri li:

I. fi 3 ta' Settembru 2025 fil-Palazz tal-President li se tkun qed tittella' serata biex tikkommemora lill Ġorġ Zammit.

II. Fil-31 ta' Mejju 2025 se jiġi inawgurat il-Mafkar ta' John Laus fi Triq tal-Ħlas.

III. Fi 22 ta' Mejju 2025 ġej l-Isqof Awżiljarju jagħmel laqgħa fis-sala tal-Kunsill.

IV. Fis-27 ta' Mejju 2025 ser issir ħarġa ta' ġurnata għal-Sqallija.

V. Fit-12 ta' Ottubru ser issir quddiesa fit-8.30 ta' filgħodu fil-Palazz tal-President, wara ser isir tour madwar il-Palazz u riċeviment żgħir.

**16.12.3** **Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa:

I. jekk il-Kunsill irċeviex xi risposta fuq il-bdil tad-direzzjoni ta' Triq il-Barrakki. Minħabba li għadna ma rċevejniex risposta is-Sur Puli issuġġerixxa li kif il-linji ta' Triq San Bastjan ġew miżbugħa wara biss lejl, il-Kunsill jixtieq ikun jaf għaliex qed iddum daqshekk biex tittieħed deċiżjoni sabiex Triq il-Barrakki terġa lura kif kienet qabel.

II. Minħabba li qed ikun hemm diversi ilmenti fuq parkeġġ ħażin fi Triq il-Wied faċċata tal-BCRS, qed jitlob sabiex il-Perit tal-Kunsill jagħmel Traffic Management ta' din l-akwata.

**16.12.4** **Il-Viċi Sindku Xandru Mallia** semma li

I. Bħalissa għaddej programm ta' tindif skond il-kuntratt il-ġdid ma' Clean Malta. Minkejja li għadna b'nuqqas ta' impjegati mhux skond dak miftiehem, ix-xogħol qiegħed isir u qed jidher li qed isir.

II. Minħabba ammont ta' residenti li joħorġu bil-kelb tagħhom u ma jiġbrux il-ħmieġ tiegħu, qed jissuġġerixxi li volontarjament imur jagħmel tabella bl-isprej mal-art fejn tħeġġeġ lin-nies sabiex jiġbru il-ħmieġ wara il-kelb tagħhom.

III. Minħabba li bħalissa hawn ħafna inizjattivi sabiex jiżdied l-użu tal-muturi, qed jissuġġerixxi li kull fejn hemm spazju adegwat isir parkeġġ tal-muturi immarkat (MC Bay)

**16.12.5** **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat li:

I. Infrastruttura Malta se tibgħat lista uffiċjali tat-toroq li ser isiru mill-ġdid f'Ħal Qormi .

II. Young Enterprise talbu li jikru is-sala ta' fuq tal-Kunsill u hi qed tissuġġerixxi li minflok iħallsu għall-użu tas-sala, isir ftehim  li erba' studenti minn Ħal Qormi jieħdu dan il-kors bla ħlas.

III. Il-Ġimgħa 23 ta' Mejju 2025 ser issir quddiesa u Marċ fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Qormi

IV. Is-Sibt 24 ta' Mejju 2025 ser issir serata u jingħataw l-unuri Ġieħ Ħal Qormi u Għarfien il-Ħila

V. Il-Ħadd 25 ta' Mejju 2025 ser tittella' l-attività Ingawdu it-Triq Flimkien fi Triq il-Kbira u Pjazza San Franġisk, fi Triq Dun Ġwakkin Schembri u fi Triq il-Vitorja il-parti ta' isfel.

**16.13 Nomini Ġieħ Ħal Qormi, Onorifiċenza Speċjali u Għarfien il-Ħila**

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ressaq għal-approvazzjoni tal-kunsill il-lista għall-għoti ta' unuri kif ġej:

**Ġieħ Ħal Qormi** - Avv Sean Apap Meli

**Apprezament Specjali:**

1. Mario Baldacchino
2. Ernest Barbara

**Għaqdiet:**

1. Joseph Abela Medici - 1st Qormi Scout Group
2. Stephen Cauchi - Kumitat Festi Esterni San Ġorg
3. Claudio Spiteri - 4teenth Productions
4. Jean Pierre Fenech - Għaqda Muzikali San Ġorg Martri
5. Jonathan Galea - Għaqda Armar San Sebastjan
6. Anthony Borg - Socjetà Filarmonika Pinto San Sebastjan
7. Jonathan Galea - Għaqda Armar San Sebastjan
8. Anthony Borg - Socjetà Filarmonika Pinto SB
9. Zane Borg - Kummissjoni Zgħazagħ Bastjanizi
10. Mirko Bugeja – Għaqda Muzikali Anici
11. Franklin Psaila – Għaqda Muzikali Anici
12. David Borg - Nar San Bastjan
13. Richard Spiteri - Għaqda tan-Nar 23 ta' April

**Kultura:**

1. Pawlu Borg Cardona
2. Georg Zammit
3. Paul Zammit
4. Miriana Conte

**Għaqdiet Lokali -** Triton Carnival Company

**Servizz Lill Kunsill -** Julian Borg - Spettur LESA

**Servizz Volontarjat:**

1. Anthony Cauchi - Rettur Fratellanza tal-Madonna tac-Ċintura
2. Antoine Attard - Rettur Fratellanza San Guzepp
3. Stephen Caruana - Rettur Fratellanza San Mikiel
4. Godfrey Mangion - Rettur Fratellanza Madonna tar-Rużarju
5. Chris Camilleri – Rettur Sodalita San Sebastjan
6. Carmelo Lewis
7. Francesco Farrugia
8. Kunsill tat-Tfal

**Servizz lil Komunita:**

1. Emanuel Zammit
2. Etienne Tabone
3. Dr Maria Montebello
4. Duncan Ciappara
5. Klabb tax-Xjenza skola Media Handaq
6. Grech Nicky
7. Camilleri David
8. Rizzo Gatt Emerson

**Sports:**

1. Andrei Fenech - GO Karting
2. Jake Jordan Micallef - GO KARTING
3. Marlon Apap - BOCCI Special Olympics
4. Dielyn Edward - Pool
5. Denzel Falzon - Pool
6. Stephen Pace - Qormi FC

Il-Lista tan-Nomini Ġieħ Ħal Qormi, Onorifiċenza Speċjali u Għarfien il-Ħila ġiet approvata b'mod unanimu.

**16.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fl-9.45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 10 ta' Ġunju 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati llum, ***10 ta' Ġunju 2025***.

| | |
|---|---|
| Josef Masini Vento (Dr) | Marilyn Baldacchino Gatt |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |